CCT/77/25/S

<u>Joseph Carmel Glanville</u>

<u>Vs</u>

<u>Piscopo Gardens Ltd</u>

Illum 21 ta' Settembru, 2026.

It-Tribunal,

Ra t-talba pprezentata minn Joseph Carmel Glanville fis-7 ta' April 2025 kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Piscopo Gardens Ltd ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2025.

Ra d-dokumenti preżentati, sema' l-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha imressqa kif ukoll it-trattazzjoni magħmula fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2025.

Ikkunsidra,

Illi fl-Avviż tat-Talba r-rikorrenti talab li jiġi rifuż l-ammont ta' mitejn u ħamistax il-ewro (€215), prezz ta' pompa tat-tip EHEIM Compact 5000 li kien xtara fl-14 ta' Jannar 2025.

Illi skont l-istess rikorrenti huwa kien stalla l-imsemmija pompa pero' ma kinitx ħadmet u mar lura l-għada illi huwa kien xtara l-imsemmija pompa fejn inżammet mis-soċjeta' intimata għall-ispezzjoni u għall-ittestjar. Jum wara, is-soċjeta' intimata irritornat il-pompa u stqarret li kienet taħdem sew pero' r-rikorrenti stqarr li dan ma kienx il-każ.

Illi r-rikorrenti irritorna l-pompa fit-18 ta' Jannar, 2025 u talab li tiġi mibdula b'pompa oħra pero' kien infurmat li dik kienet l-aħħar pompa ta' dak it-tip u għalhekk ma setax jingħata pompa oħra bħala. Ir-rikorrenti talab li jiġi rifuż il-prezz pero' is-soċjeta' intimata infurmatu li ma kinux jagħatu rifużjoni ta' flus u offrewlu *credit voucher*.

Illi min-naħa tagħha is-soċjeta' intimata Piscopo Gardens Ltd ikkontendiet illi l-pompa in kwistjoni ma kellha ebda difett funzjonanti u wara t-testjar, ħadmet sew għand is-soċjeta' intimata kif ukoll għand Aquarium Alpha Co. Ltd.

Illi s-soċjet'a intimata resqet provi fejn tikkontendi illi l-pompa ħadmet sew u kienet qed taħdem sew meta huma ittestjawha inkluż meta ittieħdet mis-soċjeta' Aquarium Alpha Co. Ltd fejn dawn ittestjawha u skont il-Managing Director ta' din il-kumpanija, ħadmet sew.

Illi min-naħa l-oħra ma jagħmilx sens illi persuna tixtri pompa u l-għada tirritorna minħabba li ma tkunx qed taħdem sew, titlob pompa bħalha ġdida u minħabba illi ma kellhomx oħrajn, tiġi offruta credit note.

Illi mill-provi imressqa u min-narrattiva tar-rikorrenti, dan it-Tribunal ma għandux raġuni għalfejn ma jemminx il-verżjoni tal-fatti li ta ir-rikorrenti u li fil-fatt ġie konfermat illi huwa ma talabx mill-ewwel rifużjoni tal-flus pero' l-ewwel talab illi ikollu pompa oħra tal-istess tip minflok dik li huwa kien xtara.

Illi dan il-fatt juri x'ried ir-rikorrenti u cioe' li l-ewwel intenzjoni tiegħu ried illi ikollu pompa ta' dak it-tip pero' li skont hu taħdem sew.

Illi jingħad ukoll illi din il-pompa kienet għadha fl-ewwel jiem tal-garanzija tagħha u għalhekk wieħed kien jistenna illi is-soċjeta' intimata setgħet tatiħ opzjoni differenti minn dik li tatu.

Illi jidher mix-xhieda tar-rikorrenti Joseph Glanville illi l-ilment tiegħu jirrigwarda il-*flow* tal-ilma tal-pompa fil-fatt fix-xhieda tiegħu jgħid hekk *"Meta xtrajt il-pompa malli ħaddimtha insib li l-flow tal-ilma ikkomparajta mal-antika kienet lanqas hi in-nofs. Jien erġajt ħadtha din il-pompa u għedtilhom b'kollox u qaluli biex inħalliha biex jippruvawha..."*

Illi fl-atti ma teżisti ebda prova dwar dan il-paragun mal-pompa l-antika u fil-fatt ir-rikorrenti ma ġab ebda prova illi huwa talab pompa differenti minn dik li effettivament huwa xtara.

Illi kien biss fit-trattazzjoni illi l-avukat tal-assistit tagħhom ikkontendew illi din il-pompa ma sservix u ma wettqitx l-użu intiż mir-rikorrenti.

Illi għalhekk dan ma jfissix illi l-pompa hija difettuża u fil-fatt is-soċjeta' intimata resqet provi illi juru illi għal darba darbtejn, din il-pompa ħadmet sew.

Illi apparti dak li qal ir-rikorrenti, huwa ma ressaq ebda prova oħra li juri illi il-pompa ma kinitx qed taħdem kif suppost u skont il-ftehim li kellu mas-soċjeta' intimata dwar l-istess prodott.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Joseph Carmel Glanville filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata Piscopo Gardens Ltd pero' ir-rikorrenti Joseph Carmel Glanville għandu jagħżel dwar jekk iżommx il-pompa minnhu mixtrija jew jaċċetta li jingħata *credit voucher* għas-somma ta' mitejn u ħmistax il-ewro (€215) prezz li huwa ħallas għall-istess pompa. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru